kummissjoni djoċesana żgħażagħ

# Stqarrija għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 27/03/07 |
| **Ref:** | KDŻ 03/07 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita` li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2007

## Il-Knisja tiċċelebra it-22 Jum Dinji taż-Żgħażagħ.

Sena oħra u reġa' wasal jum ieħor li l-Knisja tiddedika liż-żgħażagħ. Bħalma tagħmel kull sena ukoll, il-Knisja għażlet tema marbuta ma' dan il-jum – "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk tħobbu intom ukoll lil xulxin." (Ġw 13, 34).

Nhar is-Sibt, 31 ta' Marzu, iż-żgħażagħ ser jinġabru flimkien għal kunċert fil-parking area ta' San Ġiljan, quddiem it-Tiguglio, ħdejn l-iskultura tal-LOVE. Il-kunċert jibda fid-9.00pm bil-parteċipazzjoni ta' Ozzy Lino, Cable 35, Klinsmann, Muzzle, Salt u Scar. Ser jippreżentaw Valerie Vella u Sander Aguis filwaqt li Claire Agius Ordway, Toni Tal-Vann, Olivia Lewis, Xandru Grech, Peppi Azzopardi u Mireille Bonello ser jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom dwar l-imħabba.

Il-KDŻ tħeġġeġ ukoll liż-żgħażagħ biex jattendu għal diversi attivitajiet formattivi u spiritwali li ser isiru f'diversi parroċċi.

Aktar tagħrif dwar Jum iż-Żgħażagħ tinsab fuq is-sit tal-KDŻ – www.kdz.org.mt. Min irid jista' jibgħat email fuq info@kdz.org.mt jew iċempel fuq in-numru 21 48 45 06 fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

TMIEM■■■■